# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

# 2018

## Il-Malti: Il-Fehim mill-Qari

## Il-Marki: 30 marka

## Il-Ħin: 50 minuta

## L-Ewwel Taqsima (10 marki)

Is-Sibt li għadda, Kelly, tifla ta' ħdax-il sena, marret tissellef il-kotba mil-librerija tal-iskola primarja ta' Ħal Karfusa. Hi u tqalleb il-kotba fuq il-ħlejjaq tal-baħar biex tagħżel wieħed, fi ktieb minnhom sabet messaġġ fuq karta.

**Baxx baxx**, bla ma nduna l-librar, **qrat f'qalbha** l-messaġġ:

12/7/1990

Mark,

Illum, waranofsinhar, billi m'għandniex x'nagħmlu, ejja għalija xi l-5:00pm biex immorru ngħumu fil-Bajja tal-Mellieħa. Se niltaqgħu ma' Gabriella, Luke u Karen fuq l-istejġ ta' quddiem ir-Riserva Naturali tal-Għadira.

Ħu ħsieb ġibli miegħek il-maskra li selliftek il-ġimgħa l-oħra għax mingħajrha ma nkunx nista' nogħdos. Taf kemm inħobb ninżel fil-fond għar-rizzi!

Niltaqgħu,
Jason.

### A. Immarka ✓ hux Veru (V), Falz (F) jew Ma Ssemmietx (MS). (4 marki)

| | V | F | MS |
|---|---|---|---|
| 1. Kelly marret il-librerija żewġ Sibtijiet ilu. | | | |
| 2. Kelly tmur l-iskola primarja ta' Ħal Karfusa. | | | |
| 3. Fl-iskola primarja ta' Ħal Karfusa hemm librerija. | | | |
| 4. Il-kotba li qallbet kienu fuq l-għasafar. | | | |

**B. Immarka t-tweġiba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa t-tajba.** (6 marki)

5. Il-messaġġ li sabet kien miktub fuq
   - ☐ il-qoxra ta' ktieb.
   - ☐ karta.
   - ☐ xkaffa tal-kotba.

6. Fil-librerija, minbarra Kelly kien hemm ukoll
   - ☐ Mark.
   - ☐ Jason.
   - ☐ il-librar.

7. Jason kiteb lil Mark biex
   - ☐ imorru jgħumu.
   - ☐ imorru l-librerija.
   - ☐ imorru r-Riserva Naturali tal-Għadira.

8. Il-maskra tal-għadis kienet ta'
   - ☐ Jason.
   - ☐ Karen.
   - ☐ Mark.

9. **'Baxx baxx'** tfisser
   - ☐ tbaxxi leħinha.
   - ☐ għarkopptejha.
   - ☐ bil-moħbi.

10. **'Qrat f'qalbha'** tfisser
    - ☐ qrat bla ma tinstema'.
    - ☐ qrat b'vuċi għolja.
    - ☐ qrat b'leħen ferrieħi.

## It-Tieni Taqsima (20 marka)

## Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

## L-Ewwel Parti

Tant kien hemm kwiet fid-dar, li jekk taqa' labra tismagħha. Mhux soltu li, wara ġimgħa skola, it-tewmin iqattgħu n-nofstanhar tas-Sibt filgħodu magħluqin fil-kamra tagħhom. Dan kien il-ħsieb li beda jberren f'moħħ is-Sinjura Schembri sakemm mat-tarag semgħet żewġ pari saqajn neżlin jiġru, donnhom f'tellieqa min minnhom jasal l-ewwel. (par. 1)

Luke kellu f'idu karta u Lara kellha t-tablet li kien l-isbaħ rigal li qalgħet fil-Milied tal-2015. Fil-ġurnata ta' qabel, l-għalliema tathom ifittxu tagħrif dwar l-invenzjoni tal-kompjuter. It-tfal riedu juru lil nannithom dan it-tagħrif interessanti li sabu u xi skoprew dwar dan il-ħabib kbir tagħhom li n-nanna xejn ma kellha grazzja miegħu. (par. 2)

Għalhekk ħallewlha t-tagħrif fuq il-mejda biex, xħin **titlaq minn idha**, toqgħod taqrah. Kif tefgħet għajnejha fuq il-kitbiet tat-tfal, bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha:

"Veru jgħidu jħaffef ix-xogħol, imma tassew **rasu iebsa**! Mhux l-ewwel darba li ħabbatni waqt li kont qed nittajpja xi ħaġa. Kemm kien sew taqbad il-pinna u l-karta u tikteb. Kemm konna aħjar meta konna agħar!" (par. 3)

Waqt li Luke kien medhi jixxuttja l-ballun fil-bitħa mdaqqsa tan-nanna u Lara tindokra l-pjanti li kien irnexxielha tkabbar miż-żerriegħa, is-Sinjura Schembri bdiet taqra x'kitbu n-neputijiet. Bdiet l-ewwel bil-parti li kiteb Luke. (par. 4)

"L-ewwel kompjuter li nafu bih inħoloq madwar 200 sena ilu. Kien magħmul minn magna fiha daqs kamra, li kellha wkoll il-kapaċità li taħżen l-informazzjoni. Din il-magna ivvintaha l-Ingliż Charles Babbage imma laħaq miet qabel ma rnexxielu jħaddimha sewwa. Ma kellux ix-xorti jkun jaf li l-kompjuter modern tfassal fuq id-disinn u l-invenzjoni tiegħu. Għal ħafna snin, il-kompjuters baqgħu magni kbar ħafna jiżnu daqs trakk mimli ġebel u b'tul ta' wajer li, jekk tiftħu dritt, iwassal minn Malta sa Ruma." (par. 5)



## A. Aħdem dawn li ġejjin, skont is-silta li qrajt. (8 marki)

1. Immarka t-tweġiba t-tajba **billi taqta' linja taħtha**.

   Il-kamra tat-tewmin kienet
   a) fis-sular ta' fuq.
   b) fis-sular t'isfel.
   ċ) taħt it-taraġ.

2. X'taħseb li kienu qegħdin jagħmlu t-tewmin f'kamrithom?

   ______________________________________________

3. In-nanna tgħid li l-kompjuter **'rasu iebsa'** (par. 3) għax ____________________

   ______________________________________________.

4. Minbarra li jużaw il-kompjuter, xi jħobbu jagħmlu iktar Luke u Lara?

   ______________________________________________

5. Għalkemm il-magna li ħoloq Charles Babbage ma kinetx perfetta, x'kienet kapaċi tagħmel?

   ______________________________________________

6. Agħti **t-tifsira** tal-espressjoni **'titlaq minn idha'** (par. 3).

   ______________________________________________

7. Is-Sinjura Schembri semgħet '**żewġ pari saqajn** neżlin jiġru' (par. 1).
   Sib kelma oħra **marbuta mal-ilbies,** minflok il-kelma ***saqajn***, li toqgħod wara l-kelma ***pari***.
   Żewġ pari ____________________

8. Ibdel **il-verb** ta' din il-frażi **fin-negattiv.**
   Lara **kellha** t-tablet. ______________________________________________

**Kompli aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**It-Tieni Parti**



Imbagħad kompliet taqra x'kitbet Lara.

"Kien madwar 55 sena ilu li l-kompjuter ċkien biżżejjed biex seta' jintuża fid-djar u fl-uffiċċji. Dan il-kompjuter deher l-ewwel darba f'fiera fi New York u minnu nbiegħu madwar 44,000 wieħed. Dan il-kompjuter kien jiswa 3,000 dollaru Amerikan. (par. 6)

Maż-żmien din il-magna kompliet tiċkien, iżda ma nistgħux ngħidu l-istess għal moħħha. **Moħħ din il-magna baqa' jikber** u llum inġorruh magħna fil-but, fil-basket tal-iskola u minn kamra għal oħra tad-dar sabiex jaqdina fl-istudju, fix-xogħol u fil-komunikazzjoni. Meta l-kompjuters tal-lum ifettlilhom iserrħu ftit lil moħħhom għax inkunu għabbejniehom iżżejjed bix-xogħol, jew minħabba li jinqata' d-dawl, iħallu effetti kbar f'postijiet bħall-ajruporti, il-banek u postijiet oħra tax-xogħol. Mur għidlu lil Charles Babbage li dik l-invenzjoni li ma laħaqx ħaddem kellha ssir daqshekk parti mill-ħajja tagħna tal-lum tant li sirna ma ngħaddux mingħajrha!" (par. 7)

"Tassew interessanti," qalet in-nanna bejnha u bejn ruħha. "Ħasra li f'Malta ħa ftit iżjed żmien biex wasal u ma stajtx nitgħallmu u nħaddmu fiż-żmien meta kont għadni mmur l-iskola. Illum li għandi 59 sena, il-ftit li sirt naf, nafu għax tgħallimt inħaddmu waħdi u għalhekk qatt ma stajt napprezza l-kapaċitajiet kollha tiegħu," kompliet taħseb weħidha. (par. 8)

"Lara! Luke!" għajtet is-Sinjura Schembri. "Tassew interessanti dik l-informazzjoni. Għal li jista' jkun, l-għalliema tagħkom tagħti lezzjonijiet tal-kompjuter wara l-ħin tal-iskola?"

It-tewmin ħarsu lejn xulxin u tbissmu. (par. 9)

**B. Wieġeb dawn li ġejjin, skont is-silta li qrajt.** (8 marki)

1. F'liema belt deher l-ewwel darba l-kompjuter ta' daqs ċkejken?

___

2. X'taħseb li ried ifisser l-awtur meta qal li **'moħħ din il-magna baqa' jikber'**(par. 7)?

___

___

3. Semmi **użu wieħed** tal-kompjuter imsemmi fis-silta.

___

4. Il-kompjuter ma jaħdimx mingħajr___.

5. Semmi **tliet** postijiet li jiġu affettwati ħażin meta l-kompjuters jieqfu jaħdmu.

___

___

6. '**seta'** jintuża fid-djar' (par. 6)

   Agħti **l-għerq** tal-verb **seta'**. ___

7. '... l-**invenzjoni** li ma laħaqx ħaddem ...' (par. 7)

   Agħti **l-plural** tan-nom **invenzjoni.** ___

8. 'Illum li għandi **59** sena ...' (par. 8)

   Ikteb **in-numru 59 fi kliem**. ___

**Ċ. Aħdem dawn fuq is-silta kollha.** (4 marki)

1. Skont dak li qrajt, agħti informazzjoni dwar kif inbidlu l-kompjuters maż-żmien. Ikteb **żewġ** punti:

- ______________________________
  ______________________________
- ______________________________
  ______________________________

2. Skont dak li qrajt, x'effett ħalliet fuq in-nanna l-informazzjoni li kitbu Luke u Lara?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

**Tmiem il-karta**